MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2007

Numru. 587/2005

PULIZIJA
SPETTUR ANGELO GAFA'
VS
EMANUEL GALEA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Emanuel Galea, ta' 31 sena, bin Carmel u Maria Dolores nee' Hayman, imwieled Attard fis-26 ta' Gunju 1973, u residenti f'43, Triq San Mikiel, Fgura, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 293473(M), u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fl-24 ta' Mejju 2005 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-hanut Celine's, fi Triq Luqa Briffa, Zejtun, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq, u cioe' 490 optical diskettes konsistenti f'DVD's.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghal qliegh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha.

U b'hekk, sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 et seq tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 23 ta' Jannar 2003 u 22 t'April 2004, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 6) u tal-imputat (a fol 11) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 9), ghar-rigward ta' l-ewwel u t-tielet akkuza.

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputati hati skond l-akkuza, bit-tieni akkuza assorbita ghal fini ta’ piena, u wara li rat l-Artikoli 298(1)(f), 298(B) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ihallas multa ta’ hames mitt Lira Maltin (Lm500), li ghandha tithallas b’rati mensili fi zmien sitt xhur mid-data ta’ din is-sentenza.

In oltre din il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-DVD’s esebiti skond il-Ligi, u dan taht il-harsien tar-Registratur tal-Qorti.

Din il-piena giet inflitta wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta’, l-ammissjoni u l-fedina penali ta’ l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------